# IL-ĦAMES PARTI
# IT-TIENI SEZZJONI
# APPELLI KRIMINALI
# (Sede Inferjuri)

**22 ta' Frar, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.**

Il-Pulizija (Spt. Emanuel Cassar u Spt. Piette Calleja)

*versus*

Nazzareno *sive* Reno Zarb

## Serq – Tentattiv – Atti Preparatorji u Bidu ta' l-Esekuzzjoni – Skiet ta' l-Imputat – Oneru tal-Prova

*F'dan il-każ il-Qorti rriteniet illi malli l-imputat mess it-tieqa huwa oltrepassa l-fruntiera li tifred l-atti preparatorji minn dawk li jagħtu bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt.*

*Huwa veru li l-imputat jew akkużat mhux obbligat li jixhed u mhux obbligat li jġib provi in proprja difesa, iżda huwa veru li jekk il-provi li jkun hemm ikunu jitkellmu waħedhom jew inkella jekk ma jkunux daqstant ċari joħolqu dik il-bidu ta' prova illi jekk ma tiġix kontrobattuta ssir konvinċenti u konklussiva fiha nnifisha, l-istess imputat jew akkużat ma jkunx jista' jippretendi illi s-skiet tiegħu, jew il-passività tiegħu, meta jkun ovvju, jista' ma jittiħidx in konsiderazzjoni. Dak li l-liġi ma tridx hu li l-prosekuzzjoni tapprofitta ruħha mis-skiet ta' l-imputat u tipprospetta dak is-skiet bħala xi forma ta' ammissjoni jew xi forma ta' ħtija ta' l-imputat.*

Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-28 ta' Settembru, 1992 li minnha sar l-appell preżenti taqra hekk:

Rat il-kumpilazzjoni tal-provi minnha miġbura kontra l-imputat Nazzareno *sive* Reno Zarb, akkużat talli:

1. Fil-Mellieħa nhar id-dsatax ta' Frar, 1992, bejn l-għaxra u l-għaxra u nofs ta' fil-għodu, bil-ħsieb li jikkommetti serq mill-fond 10, Triq l-Assedju l-Kbir, Mellieħa, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu u liema delitt kieku ġie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, lok u valur li jeċċedi l-elf lira Maltija għad-detriment ta' Cahrles u Adriana Debono;

2. Ikkommetta reat li għalih hemm piena ta' priġunerija matul il-perijodu operattiv ta' żewġ sentenzi sospiżi mogħtija fid-disgħa ta' Diċembru, 1991, u fis-sebgħa u għoxrin ta' Jannar, 1992 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bi ksur ta' l-artikolu 28(a) tal-Kap. 9;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza minnu appellata billi tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-appellant qiegħed jibbaża l-appell tiegħu fuq l-aggravji li ġejjin u ċjoè:

(1) Illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin kemm tal-fatti u pieni u kemm tal-liġi;

(2) Illi oltre dak li hemm previst fl-artikolu 634 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ħadet inkonsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ma xehedx. Jidher li l-Ewwel Qorti ħadet dan il-fattur meta ġiet biex tapprezza l-piena ħaġa li proċeduralment ma setgħetx tagħmel;

(3) Illi dak li allegatament għamel l-imputat anke kieku kellu jiġi konċess illi għamlu hu, ma jikkostitwixxix ir-reat ikkontemplat fl-att ta' l-akkuża. Li bniedem sempliċement iħabbat fuq bieb u jċempel il-qanpiena bosta drabu ma jindikax attentat ta' serq. Inoltre min imur biex jisraq mhux se joqgħod iħabbat u jċempel il-bieb fl-10.00 ta' fil-għodu. L-azzjoni ta' dik il-persuna mhix indikanti ta' intenzjoni ta' serq;

(4) Illi inoltre l-atti kommessi se *mai* jammontaw għal atti preparatorji u mhux għall-bidu ta' l-esekuzzjoni tar-reat;

(5) Li m'hemmx provi biżżejjed li jorbtu lill-imputat ma' l-inċident;

(6) Illi l-piena kienet eċċessiva fiċ-ċirkostanzi u tenut kont anke li l-perijodu ta' l-arrest li kien konsiderevoli f'dan il-każ ma ġiex inkluż fil-piena biex jitnaqqas;

Fl-ewwel lok jiġi osservat li din il-Qorti ma taqbel xejn mas-sottomissjoni ta' l-appellant illi m'hemmx provi biżżejjed fil-

proċess li jorbtuh ma' l-inċident. Minn eżami tal-provi, din il-Qorti hija sodisfatta illi hemm biżżejjed biex ikun hemm dik iċ-ċertezza morali illi kien l-imputat u ħadd iżjed li fid-19 ta' Frar, 1992 waqaf bil-karozza quddiem il-bieb imsemmi fiċ-ċitazzjoni u għamel dak li ddeskriviet ix-xhud Adriana Debono, li għarfitu mingħajr dubju ta' xejn;

Tibqa' biss il-kwistjoni jekk l-aġir ta' l-appellant, fiċ-ċirkostanzi, kienx jikkostitwixxi, jew kienx jissodisfa l-vot tal-liġi biex jissussisti r-reat dedott kontrih ċjoè ta' tentattiv ta' serq aggravat bil-mezz, lok u valur;

X'ġara eżatt jinsab diġà dettaljatament deskritt fis-sentenza appellata u din il-Qorti ma tarax li għandha għalfejn tirrepetih. Il-kompitu ta' din il-Qorti effettivament jirrisolvi ruħu fl-eżerċizzju li trid tiddeċidi jekk l-aġir ta' l-imputat kienx jammonta jew le għall-bidu ta' l-esekuzzjoni tad-delitt. Din il-Qorti hi tal-fehma illi sakemm l-imputat baqa' jħabbat biss fuq il-bieb u jċempel il-qanpiena, jista' jkun li kien ikun hemm dubju dwar jekk sa dak l-istadju biss kinux jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-liġi biex ikun hemm it-tentattiv tas-serq u din il-Qorti hija propensa li tgħid illi f'dawk iċ-ċirkostanzi kienet issibha diffiċli biex tasal għal konklużjoni li kien jissussisti t-tentattiv. Però l-imputat mar oltre billi wara illi ċempel il-qanpiena diversi drabi u anke ħabbat u sabbat mal-bieb tad-dar imsemmija, huwa mar jipprova jisforza biex jiftaħ it-tieqa u kien f'dan il-mument illi lemaħ u ġie identifikat minn Adriana Debono. Fil-fehma ta' din il-Qorti malli l-imputat miss it-tieqa, ma setax ikun hemm aktar dubju li kien oltrepassa l-fruntiera li tifred l-atti preparatorji minn dawk li jagħtu bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt. F'dan il-każ it-tbagħbis mat-tieqa huwa ċertament fatt li jikkostitwixxi fih innifsu bidu ta' l-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt fiċ-

ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ ma ġiex esegwit minħabba l-aċċidentalità tal-fatt li nserta kien hemm ġod-dar wara l-istess tieqa Adriana Debono li malli raha, l-imputat ħarab;

Iċ-ċirkostanzi f'dan il-każ jitkellmu waħedhom. Huwa inutili illi l-imputat jissottometti illi l-istess ċirkostanzi huma tali illi minnhom m'għandux jiġi dedott illi l-intenzjoni tiegħu kienet illi jisraq. M'hemm assolutament xejn aktar fil-proċess li jista' jagħti ħjiel jew l-iċken indikazzjoni li seta' kien hemm xi intenzjoni oħra u ċertament ma jistax jingħad illi l-imputat li nnega anke l-preżenza tiegħu fuq il-post jista' b'xi mod jitfa' xi dawl fuq dan li jista' talvolta jwassal lil din il-Qorti għal xi konklużjoni differenti;

Baqa' punt wieħed li din il-Qorti tixtieq tissoferma ftit ruħha fuqha. Jidher li l-appellant jippretendi illi fil-każijiet meta persuna tkun ġiet arrestata u jsirilha interrogatorju u ma twieġeb għal ebda domanda illi ssirilha jew tibqa' siekta, dak is-skiet m'għandux jiġi interpretat mill-Qorti f'sens avversarju għalih. L-istess appellant għamel ukoll riferenza għall-artikolu 634 tal-Kodiċi Kriminali. L-artikolu 634 tal-Kodiċi Kriminali li jagħti lill-imputat id-dritt illi jixhed taħt ġurament fi proċeduri kriminali kontrih, jipprovdi wkoll fil-*proviso* tas-sub-artikolu 1 tiegħu illi n-nuqqas ta' l-imputat jew akkużat li jagħti x-xiehda tiegħu ma jistax iservi ta' kumment kuntrarju mill-Prosekuzzjoni. Din id-disposizzjoni kienet diversi drabi suġġett ta' l-iskrutinju ta' din il-Qorti kif ukoll tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, sede superjuri, li dejjem interpretawha b'mod li jissalvagwardaw kemm jista' jkun id-drittijiet ta' l-imputat li wara kollox għandu dritt li jibqa' sieket, billi l-oneru tal-prova tal-ħtija tiegħu jinkombi fuq il-prosekuzzjoni u huwa preżunt innoċenti sakemm misjub ħati. Iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ però jistgħu jkunu tali illi

joħolqu ħafna darbi indizju ta' prova, u ħafna drabi prova suffiċċjenti fiha nnfisha biex in mankanza ta' provi oħra da parti tad-difiża, ma jkunux jistgħu jħallu dubju dwar ir-reità. Huwa veru illi l-imputat jew l-akkużat m'huwiex obbligat li jixhed u *m'huwiex obbligat li jġib provi in proprja difesa, però, huwa* veru wkoll illi jekk il-provi li jkun hemm ikunu jitkellmu waħdehom jew inkella jekk ma jkunux daqstant ċari joħolqu dik il-bidu ta' prova illi jekk ma tiġix kontrobattuta ssir konvinċenti u konklussiva fiha nnfisha, l-istess imputat jew akkużat ma jkunx jista' jippretendi illi s-skiet tiegħu, jew il-passività tiegħu, meta jkun ovvju, jista' ma jittiħidx in konsiderazzjoni. Dak li l-liġi evidentement ma tridx huwa illi l-prosekuzzjoni tapprofitta ruħha mis-skiet ta' l-imputat u tipprospetta dak is-skiet bħala xi forma ta' ammissjoni jew xi forma ta' ħtija ta' l-imputat bħal ma l-liġi evidentement ma tridx lill-Qorti f'dak li huwa indirizz lill-ġurati f'każijiet ta' ġuri, tikkummenta sfavorevolment fuq il-fatt ta' nuqqas ta' xhieda ta' l-imputat. Però l-fatti jibqgħu l-fatti li huma u jekk ikunu tali illi jkunu indikattivi suffiċjentement ta' ħtija, jew minnhom infushom jkunu jirrikjedu spjegazzjoni da parti ta' l-imputat biex ma jiġux ikkunsidrati fid-dawl naturali tagħhom l-imputat ma jistax jippretendi l-iskiet tiegħu ma jkunx *jew ma jservix eventwalment ta'* fattur li jittieħed in konsiderazzjoni minn min eventwalment ikun irid jiddeċidi. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tamplifika ħafna fuq dan għaliex *del resto* dawn huma l-prinċipji li dejjem ġew imħaddna minn dawn il-Qrati;

*Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa s-sentenza ta' l-ewwel Qorti* biex tara jekk l-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti hux ġustifikat fid-dawl tal-provi illi nġabu u hi tal-fehma illi abbażi tal-provi li nġabu, l-Ewwel Qorti kienet ġustifikata tagħti affidament għax-xiehda ta' Adriana Debono u tasal għall-

konklużjonijiet li waslet għalihom;

Minħabba f'hekk m'huwiex leċitu għal din il-Qorti illi tissindika oltre l-fatti biex tara kieku kienet hi flok l-ewwel Qorti għal liema konklużjoni kienet tasal. A skans ta' kull ekwivolu però jiġi osservat illi din il-Qorti taqbel perfettament mal-mod kif l-ewwel Qorti eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.